**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 4 – IT-TNEJN, 19 TA' AWWISSU 2019 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 3

1.1 Kien hemm dawn il-korrezzjonijiet: Għanda tidħol fil-paragrafu 2.3 "is-Sindku irrisponda li beda l-proċess għal devolution".

1.2 Fil-paragrafu 2.4 għandha tidħol "is-Sinjura Violet Bajada".

1.3 Meta skużat ruħha s-Sinjura Joan Farrugia, għandha tidħol "Skużat ruħha minħabba li kien hemm stedina mill-Kappillan għall-quddiesa u ħruġ tal-vara."

1.4 Is-Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 3

2.1 Dwar paragrafu 6.4, is-Sur David Dalli staqsa jekk hux possibbli li ssir triangle fi Triq in-Naxxar kantuniera ma' Triq J F Marks biex isservi ta' traffic calming. Għandha ssir site visit minnu flimkien mas-Sindku.

2.2 Dwar paragrafu 2.6, is-Sur Trevor Fenech staqsa lis-Sur Dominic Cassar x'kienu l-illegalitajiet li saru minnu. Is-Sur Cassar semma li tneħħew il-bankijiet minn Triq Ugo Carbonaro qabel ma biss is-Sur Trevor Fenech kien sar Sindku.

## 3 Pagamenti Numru 3

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur David Dalli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar l-obbligu li għandha l-kumpanija GP Borg, mill-PA biex ifornu b'232,000 Euro xogħol fil-komunità ta' San Ġwann u tal-Għargħur. Il-Kunsill irid jikkomunika x'ser tkun l-għażla ta' dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku ppropona li jiġu rranġati l-uffiċini tal-Kunsill fejn isir lift u jsiru kmamar addizzjonali kif ukoll jinbena sular ieħor li ssir is-sala tal-komunità. Hemm stima ta' 187,000 Euro, imma din trid tiġi vverifikata mill-Perit tal-Kunsill. Is-Sur Dominic Cassar talab biex din id-deċiżjoni tittieħed fl-laqgħa oħra. Is-Sindku rrisponda li mhux possibbli li nistennew għal laqgħa oħra minħabba li l-PA riedet risposta u ma jridx li jissogra li dan ix-xogħl jintilef. Kien hemm qbil fil-prinċipju li dawn ix-xogħlijiet minn GP Borg isiru fuq l-uffiċini tal-Kunsill. Għandna nidħlu aktar fid-dettal meta l-Perit tal-Kunsill jivverifika l-BOQ.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar ittra minn resident li rċvejna dwar advertising bollards li saru fi Triq tas-Sliema. Dan qed jallega li dawn il-bollards huma ta' ostaklu. Ġie innutat li CRPD ġew infurmati b'dawn il-bollards, u l-Kunsill għamel dropper curbs biex il-bankina tiġi aċċessibbli. Ġie innutat li dawn il-bollards sar il-permess neċessarju kif ukoll saru l-ħlasijiet skont il-bye-law.

5.2 Ġie innutat li s-Sinjorina Nadia Fenech aċċettat li tkun id-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

5.3 Kien hemm diskussjoni dwar talba biex issir sleeping policeman fi Triq il-Baltiku. Għandu jsir komunikazzjoni ma’ TM biex naraw x’inhija l-policy dwar dawn is-sleeping policeman.

## 6 Affarjiet ohra

6.1 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici fakkar li hemm ħaxix ħiereġ minn plot fi Triq Fuxa kantuiera ma’ Triq Lunzjata.

6.2 Is-Sur David Dalli ressaq talba biex residenti, fi Triq Salvu Bonanno jagħmlu bollards mal-ġenb tal-garage. Din it-talba ma ġietx aċċettata. Hu lmenta wkoll li hemm soft area fi Triq San Ġiljan li hi mitluqa. Hu rrimarka wkoll li hemm trenching works li għad ma sarux re-instatement. Hu lmenta wkoll li qed ikun hemm min ikun bi skateboards u scooters fil-Ġnien Karin Grech.

6.3 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta li l-GreenPak mhux qed ibatlu l-bring in site regolari u qed ikunu mfawwra. Hu talab biex issir qanpiena fil-Kappella tal-Propostru. Kien hemm qbil li din issir meta jkun ser isir ir-restawr ta din il-Kappella. Is-Sur Cassar ilmenta wkoll li għad hemm affarjiet mill-festa li jridu jinġabru.

6.4 Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet biex fi Triq Agostino Matrenza jsir timed parking. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex jitniżżlu l-ismijiet. Kien hemm 2 favur (Joan Farrugia u Joe Aquilina) 3 kontra (Trevor Fenech, David Dalli u Tania Borg) u 3 astensjoni (Anthony Mifsud Bonnici, Dominic Cassar u Violet Bajada). Is-Sur Trevor Fenech irrimarka li jekk din issir fi Triq Agostino Matrenza trid issir fit-toroq l-oħra kollha.

6.4.1 Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet li ssir mera fi Triq Bernardette kantuniera ma' Triq in-Naxxar. Ma kienx hemm sekondant.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Awwissu 2019 fl-10.00am minħabba li s-Sur Dominic Cassar kien ser ikun imsiefer. Dan biss jekk ikun hemm qbil unanimu. Jekk ma jkunx hemm qbil unanimu, il-laqgħa issir it-Tnejn, 2 ta' Settembru 2019 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**